MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Numru. 126/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**vs**

**Elaine Rapinett**

Il-Qorti:

Rat li l-imputata Elaine Rapinett ta’ 20 sena, bint Carmen nee’ Rapinett, mwielda gewwa Pieta’ nhar it-03 ta’ Frar 1984, residenti gewwa Charles Flats No 8, Triq Enrico Mizzi, Gzira u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 115684(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Nhar l-20 ta’ Dicembru 2004 u fil-granet ta’ qabel, gewwa Tas-Sliema u gewwa dawn il-gzejjer xjentament xtrat jew laqghet ghandha oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100) u cioe Pioneer Car CD Stereo li huwa propjeta’ ta’ Malcolm Dimech, mehudha b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’ kull mod iehor li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Frar, 2005 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-27 ta’ Lulju, 2007 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-24 ta’ April, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet tal-piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ikkoperat bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura lil vittma.

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel ordni ta' *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hatja taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilha.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu/ha j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja, kull sitt (6) xhur.

3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b' kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

4. Li ghandha zzomm ruhha f' kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li taghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation ; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid/trid, tircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali
Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.

**Illum 29 ta' Mejju, 2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Elaine Rapinett**

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)

Seduta tal-llum 29 ta' Mejju, 2009.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Elaine Rapinett giet mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation lil imputata inkluz il-htigijiet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u nnutat li l-imputata wriet li trid thares il-htigijiet ta' dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmija Elaine Rapinett detentrici tal-karta tal-identita' numru 115684(M) ta' 25-il sena, bint Carmen nee' Rapinett, imwielda Pieta' nhar it-3 ta' Frar, 1984 u toqghod gewwa Charles Flats No.8 Triq Enrico Mizzi Gzira titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

**1.** Li matul il-perjodu ta' probation, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilha.

**2.** L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu/ha j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja, kull sitt (6) xhur.

**3.** Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b’ kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

**4.** Li ghandha zzomm ruhha f’ kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li taghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation ; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid/trid, tircievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta’ l-Artikolu 7 (8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------